# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 336/19**

**V.J. Salomone Pharma Ltd. (C 10268)**

**v.**

**Central Procurement and Supplies Unit tal-Ministeru tas-Sahha, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-kuntratti, Charles De Giorgio Ltd. (C 340)**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell imressaq fil-5 ta' Novembru, 2019, mis-soċjeta` V.J. Salomone Ltd. Wara deċiżjoni datata 17 ta' Ottubru, 2019, mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") fil-każ referenza CPSU 152088P19TW (każ numru 1359).

Dan il-każ hu marbut ma' sejħa għall-offerti għall-provista ta' inibitorji tal-interlewkina 17A li ħareġ id-Dipartiment tal-Kuntratti, fuq talba tas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa. Tajjeb li f'dan l-istadju bikri jiġu esposti ftit mill-fatti li wasslu għall-dawn il-proċeduri.

Kif indikat fi klawsola 1.2 tal-Ewwel Taqsima tas-sejħa, il-provvista mitluba kellha tkopri numru ta' 60 pazjent għaż-żmien ta' erbgħa u għoxrin xahar, liema żmien seta' jiġġedded b'għażla għal erbgħa u għoxrin xahar ieħor.

B'nota ta' kjarifika maħruġa fid-9 ta' Awwissu 2019, id-Dipartiment tal-Kuntratt ħabbar li n-numru ta' riferenza tas-sejħa nbidel għal CT 2276/2019 u b'nota ta' kjarifika oħra tas-17 ta' Awwissu 2019, l-istess Dipartiment għarraf li d-data għall-għeluq tas-sejħa kienet qiegħda tittawwal sat-3 ta' Settembru 2019.

Il-kumpannija V.J. Salomone Pharma Limited sabet oġġezzjoni fil-kitba ta' xi ħtiġijiet imsemmija fid-dokument tas-sejħa. Għalhekk fis-26 ta' Awwissu 2019, jiġifieri qabel l-għeluq tas-sejħa, hija ressqet talba taħt ir-regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku sabiex il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-kuntratti Pubbliċi jbiddel dawn il-ħtiġijiet jew inkella li

jħassar is-sejħa CT2276/2019 qabel CT2205/2019.

Id-Direttur tal-Kuntratti u s-CPSU wieġbu flimkien li s-sejħa kienet miktuba tajba u għalhekk huma oġġezzjonaw għat-talba ta' V.J. Salomone Pharma Limited biex jingħata rimedju ta' qabel l-għeluq tas-sejħa. Minħabba din it-talba ta' V.J. Salomone Pharma Limited, il-proċess tas-sejħa CT2276/2019 ġie sospiż sakemm ikun hemm deċiżjoni mill-Bord (ara regolament 266 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku)(A.L.352 tal-2016, L.S.601.03).

In-numru li ngħata mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għat-talba mressqa minn V.J. Salomone Pharma Limited kontra s-sejħa CT2276/2019 kien dak ta' Każ 1358. L-appell tal-lum ma jolqotx dan il-każ partikolari.

Sadanittant is-CPSU kien jeħtiġilha li tixtri dawn il-prodotti mediċinali sabiex dawn ikunu jistgħu jingħataw lil dawk il-pazjenti li kellhom bżonnhom għall-kura ta' *severe plaque psoriasis* u *psoriatic arthritis.* Billi s-CPSU fehmet li l-proċess tas-sejħa CT2276/2019 kien ħa jieħu ż-żmien tiegħu biex jintemm għaliex is-sejħa ġiet sospiża, saħansitra sa qabel għalqet is-sejħa u sa qabel imqar laħaq beda l-istħarriġ tal-offerti, hija ddeċidiet li fis-27 ta' Awwissu 2019, toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-provvista ta' dawn l-inibitiuri tal-interlewkina 17A. Din is-sejħa

kienet iġġib in-numru ta' riferenza CPSU 152088P19TW.

Kif jidher mill-ewwel faċċata ta' din l-aħħar sejħa, is-CPSU għarraf li:

> *"This has been currently been approved through the exceptional route and the current cohort is of 11 patients. This cycle will cover a period of 12 months and is being used for an estimate of 30 patients*."

Dakinhar stess li ħarġet din is-sejħa, V.J. Salomone Pharma Limited ressqet talba oħra taħt ir-regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku sabiex il-Bord din id-darba jemenda jew iħassar is-sejħa għall-kwotazzjonijiet bir-riferenza CPSU 152088P19TW.

Ir-raġunijiet miġjuba minn V.J. Salomone Pharma Limited kontra s-sejħa għall-kwotazzjonijiet bir-riferenza CPSU 152088P19TW kienu: (i) li l mediċina li kienet qed tintalab fid-dokument tas-sejħa kienet ambigwa; (ii) li s-CPSU ma setgħetx toħroġ sejħa sekondarja wara li ġa kienet ħarġet sejħa oħra fuq l-istess prodott; u (iii) li t-tieni sejħa nħarġet kontra r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Is-CPSU kkontestat din it-talba bi tweġiba mdaħħla fis-6 ta' Settembru 2019.

It-tilwima marbuta mas-sejħa għall-kwotazzjonijiet bir-riferenza CPSU 152088P19TW ġiet indikata bħala Każ 1359 quddiem il-Bord ta' Reviżjoni

dwar il-kuntratt Pubbliċi. L-appell li hemm pendenti quddiem din il-Qorti jolqot sewwasew dan il-Każ 1359.

Kemm il-każ 1358 dwar is-sejħa oriġinali u kif ukoll il-każ 1359 dwar is-sejħa għall-kwotazzjonijiet ġew appuntati għas-smigħ mill-Bord għall-jum tas-27 ta' Settembru 2019. Dakinhar il-partijiet qablu bejniethom li x-xiehda u s-sottomissjonijiet imressqa għall-Każ 1358 kellhom jgħoddu wkoll għall-Każ 1359. Wara li l-partijiet ressqu l-provi li kellhom u għamlu s-sottomissjonijiet kollha li xtaqu, il-Bord għalaq is-smigħ u ħalla ż-żewġ każijiet għas-sentenza finali.

Ġara issa, li l-kumpannija V.J. Salomone Pharma Limited ressqet rikors fl-atti tal-każ 1358 dwar is-sejħa CT2276/2019 sabiex il-Bord jissospendi l-għoti tas-sentenza sakemm qabel jisma' x-xiehda tas-Sinjura Antonia Formosa. Rikors simili iżda ma ġiex imressaq fil-Każ 1359 dwar is-sejħa CPSU 152088P19TW;

It-talba għat-tressiq ta' xhieda żejda fil-Każ 1358 ġiet milqugħa mill-Bord. B'hekk il-każ 1358 ġie differit għat-28 ta' Ottubru 2019 sabiex tinstema' din ix-xiehda u jsiru s-sottomissjonijiet finali.

Mill-banda l-oħra billi għall-każ 1359 ma kienx hemm talba għas-sospensjoni tas-sentenza, il-Bord fis-17 ta' Ottubru 2019 għadda għas-

sentenza finali tiegħu.

Permezz ta' din is-sentenza, il-Bord sab li ma kien hemm xejn irregolari fil-ħruġ ta' sejħa sekondarja għal żmien qasir sakemm tiġi pproċessata s-sejħa oriġinali. Il-Bord qies li ladarba kien hemm kontestazzjoni qalila dwar is-sejħa orġinali, is-CPSU mexa sew u bil-għaqal li ħareġ sejħa sekondarja sabiex sakemm iddum għaddejja l-kontestazzjoni dwar is-sejħa orġinali, l-isptar ikun jista' jipprovdi dawn il-mediċini lil dawk il-pazjenti li kellhom bżonnhom.

L-istess Bord qies ukoll li din it-tieni sejħa ġiet imħabbra lil kull min wera interess fl-ewwel sejħa u għalhekk ma jistax jingħad li din it-tieni sejħa kienet maħsuba biex ixxekkel il-kompetizzjoni miftuħa.

Dwar il-kwestjoni tal-kxif tal-prezz, il-Bord ma sab l-ebda problema għaliex apparti li l-prezz ma kienx tagħrif sensittiv li kellu għalfejn jinħeba, l-ewwel sejħa u t-tieni sejħa kienu għal żminijiet differenti u għalhekk il-prezz seta' jvarja bejniethom.

Madankollu, għalkemm il-Bord qies li t-tieni s-sejħa kienet miżura temporanja tajba sakemm tintemm l-ew*w*el sejħa, l-istess Bord qies li kien xieraq li s-suġġett tal-provvista tat-tieni sejħa jiġi mnaqqas minn terminu ta' tnax-il xahar *di fermo* għal terminu ta' sitt xhur li jista' jiġġedded għal

sitt xhur oħra.

Il-Bord iddeċieda wkoll li kien xieraq li din it-tieni sejħa ma tibqax tissejjaħ bħala waħda għall-kwotazzjonijiet iżda li din is-sejħa titqies bħala waħda ta' proċedura negozjata.

Fl-aħħarnett, dwar l-ilment ta' *V*.J. Salomone Pharma Limited fuq il-kitba tal-ispeċifkazzjonijiet tekniċi tal-mediċini, il-Bord ma sab l-ebda ambigwita` jew żbalji fihom.

Is-sentenza tal-Bord hija s-segwenti:

> *a) "The RFQ is the only fair and transparent procedure to be adopted by the Authority for the temporarily procurement of this medicine, until the tender under appeal is evaluated and finalised.*
>
> *"b) The RFQ should be issued for a supply period of six months with an option of an extension of a further period of six months.*
>
> *"c) The present RFQ should be amended to indicate:*
>
> *"• That the Evaluation procedure to be adopted is through a negotiated procedure.*
>
> *"• The inclusion of maintenance dose, to enable prospective bidders to reflect such an issue in their quotation.*
>
> *"d) The RFQ is open to all prospective bidders without any limitation for participation and in this respect this Board does not detect any discrimination among bidders, in the RFQ being issued by the* Authority.
>
> *"e) The conditions and technical specifications as stipulated in the RFQ are in* Accordance *with the instructions and decision, as concluded by this Board in case no 1279.*
>
> *"f) The RFQ* does *not create any conflict or prejudice with regard to*

*commercial information being divulged in the RFQ in relation to that which prospective bidders might include in their offer for the tender under appeal.*

*"g) The RFQ* was *properly issued by the Authority and conforms with the Public Procurement Regulations.* *At the same instance, this Board* *would also point out that this transitory procurement is essential for the continuity of the ongoing treatment of the patients and in this respect, urgent processing of the Negotiated Procedure of this procurement is of the utmost importance.*

*"In view of the above, this Board,*

*i) "Does not uphold Appellants contentions,*

ii) *"Directs the Authority to issue the necessary clarifications to reflect this Board's decision and to resume the Negotiated Procedure to finalise this urgent requirement."*

Is-soċjeta` V.J. Salomone Pharma Ltd. issa qed tappella mid-deċiżjoni li ħa l-Bord għal quddiem din il-Qorti u ressqet sitt aggravji li sejrin jiġu trattati *seriatim* kif imressqa mis-soċjeta` appellanti.

Wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti sejra tgħaddi għas-sentenza tagħha.

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjeta` appellanti ssostni li s-sentenza tal-Bord fil-każ 1359 hija nulla għax ma qisitx il-provi miżjuda li tressqu fil-każ 1358. Issa apparti l-fatt li l-kawżi mhux identiċi, għalkemm huwa minnu li l-partijiet qablu bejniethom quddiem il-Bord li l-provi miġjuba fil-

Każ 1358 kellhom jgħoddu wkoll għall-Każ 1359, madankollu huwa minnu wkoll li fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2019, il-partijiet qablu wkoll li l-Każijiet 1358 u 1359 setgħu jmorru għas-sentenza finali. Issa filwaqt li wara din is-seduta tas-27 ta' Settembru 2019, il-kumpannija appellanti ressqet rikors sabiex is-sentenza fil-Każ 1358 ma tingħatax qabel ma tinstema' x-xiehda ulterjuri ta' Antonia Formosa, mhux l-istess sar fil-Każ 1359. Għalhekk ladarba l-kumpannija appellanti ma ressqetx rikors fil-Każ 1359 biex is-sentenza ma tingħatax, hija ma tistax tilmenta mill-fatt li l-Bord għadda biex iddeċieda l-Każ 1359.

Tassew jekk il-kumpannija appellanti riedet li l-Bord ma jippronuzjax ruħu fil-każ 1359, qabel tingħata x-xiehda ulterjuri ta' Antonia Formosa, allura hija messha ressqet rikors ieħor biex is-sentenza fil-Każ 1359 tiġi sospiża wkoll. Dan ir-rikors il-kumpannija appellanti iżda ma ressqitux, u għalhekk hija ma tistax targumenta li l-Bord mexa ħażin meta għadda għall-għoti tas-sentenza. Tajjeb hawnhekk li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li skont ir-regolament 265 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi rikors magħmul taħt ir-regolament 262 b'urġenza. Jiġi b'hekk, li wieħed ma jistax ilum lill-Bord talli ssokta bis-sentenza tiegħu skont il-liġi.

Fuq kollox, f'dan il-każ, ma ġiex muri kif ix-xhieda ulterjuri ta' Antonia Formosa, mogħtija fil-każ 1358, kienet b'xi mod tbiddel id-deċiżjoni fil-każ meritu ta' dan l-appell.

Dan l-ewwel aggravju hu, għalhekk, miċħud.

Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjeta` appellanti targumenta li l-Bord naqas milli jqis l-ilmenti kollha tagħha li hija ressqet fit-talba tagħha tas-27 ta' Awwissu, 2019. Għandu jingħad mill-ewwel li l-Bord, bħal kull Tribunal ieħor, hu mistenni li jinvestiga kull ilment li jsirlu, għalkemm mhux meħtieġ li jagħti raġunamenti elaborati u dettaljati fit-trattazzjoni tiegħu ta' kull ilment. Fil-każ tal-lum, mhux minnu dak li tgħid is-soċjeta`appellanti li l-Bord ma stħarriġx l-ilment tagħha dwar is-siwi legali tat-tieni sejħa maħruġa mis-CPSU. Titwila lejn paġni 11 u 14 tas-sentenza appellata turik li l-Bord kien sodisfatt li din it-tieni sejħa ħarġet b'ħarsien tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Naturalment, il-kumpannija appellanti tista' ma taqbilx ma' din il-konklużjoni milħuqa mill-Bord, imma żgur mhux forsi hija ma tistax tgħid li l-Bord ma ddeċieda xejn dwar din il-kwestjoni.

Il-fatt li l-Bord ma semmiex ir-regolamenti li fuqhom serraħ id-deċiżjoni tiegħu dwar is-siwi tas-sejħa, ma jwassalx għan-nullita` tad-deċiżjoni.

Bħala fatt, il-Bord qies l-ilmenti tas-soċjeta` appellanti, u sabhom mhux meritevoli.

Għalhekk, dan it-tieni aggravju, li jolqot id-deċiżjoni tal-Bord mill-lat proċedurali, ma huwiex mistħoqq.

It-tielet aggravju tal-kumpannija appellanti huwa msejjes fuq l-argument li t-tieni sejħa nħarġet bi ksur tar-Regolamenti. F'dan l-aggravju tagħha, hija ssemmi li ladarba l-valur stmat tas-sejħa kien jaqbeż l-€144,000, allura t-tieni sejħa ma setgħetx issir bil-mezz ta' kwotazzjonijiet. Biex isseddaq l-argument tagħha hija tagħmel riferenza għar-regolamenti 8, 9 u 103 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Apparti l-irrilevanza tar-regolamenti 8 u 103, is-soċjeta` appellanti għandha raġun tgħid li skont il-liġi (ara regolamenti 100 sa 102), ma tistax tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet li l-valur tagħha tkun taqbeż l-€144,000. Fil-fatt dan għarfu wkoll il-Bord għaliex fis-sentenza tiegħu huwa saħaq li t-tieni sejħa m'għandhiex titqies aktar bħala sejħa għall-kwotazzjonijiet imma bħala sejħa mmexxija skont ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Negozjata. Taħt il-proċedura negozjata huwa possibbli li tagħti kuntratt li jaqbeż il-valur ta' €144,000.

Fis-sustanza tagħha, it-tieni sejħa kienet waħda mmexxija bil-proċedura

negozjata. Imbilli s-CPSU, bi żball, semmiet is-sejħa bħala waħda ta' kwotazzjonijiet meta minflok kellha tkun imsejħa bħala waħda mmexxija skont il-proċedura negozjata, ma jfissirx b'daqhsekk li t-tieni sejħa għandha titqies bħala waħda invalida. Wara kollox, hija ġurispudenza miżmuma li:

> *"Huwa veru li l-kuntratti huma dawk li jirriżultaw fil-fattijiet u mill-vera natura tagħhom u mhux mill-isem li l-kontraenti jgħoġobhom jagħtuhom» (J***oseph Caruana* **et vs. *Bernardette Licari et****,* Appell Inferjuri tal-20 t'April 2005)."

Ma jirriżultax li s-soċjeta` appellanti sofriet xi preġudizzju minħabba dan l-iżball. Hija ġiet mistiedna biex tieħu sehem f'din it-tieni sejħa u jidher li hekk beħsieba tagħmel. Din it-tieni sejħa tħares il-kondizzjonijiet legali li jirregolaw is-sejħiet magħmula bil-proċedura negozjata, u hekk issa sejra tkompli timxi. Ma jkunx raġonevoli li t-tieni sejħa titħassar jew titwaqqaf minħabba tismija ħażina tal-proċedura.

Dan l-aggravju hu wkoll miċħud.

Fir-raba' aggravju tagħha, is-soċjeta` appellanti qed tilmenta li b'din it-tieni sejħa se jkollha tikxef il-prezz li kienet sejra toffri fl-ewwel sejħa, u dan bi ħsara għall-interess tagħha. Din il-Qorti ma tqisx dan l-ilment bħala validu. Fl-ewwel lok, hawn si tratta minn materja ta' saħħa pubblika, u l-interess tal-pazjenti li jirċievu malajr kemm jista' jkun il-kura bl-inibituri tal-interlewkina 17A għandu jipprevali fuq l-interess purament ekonomiku

tas-soċjeta` appellanti. Din it-tieni sejħa hija biss miżura temporanja u probabilment, urġenti sakemm is-sejħa oriġinali tkun tista' tiġi proċessata u mitmuma.

Din il-Qorti lanqas ma tara li l-kompetizzjoni sejra tiġi mfixkla minħabba t-tieni sejħa. Kull min huwa interessat fiż-żewġ sejħiet ħa jkun fl-istess ilma u għalhekk ma jistax jingħad li xi ħadd sejjer jingħata xi preferenza fuq l-ieħor. L-operaturi ekonomiċi huma tabilħaqq ħielsa li jekk iridu jipparteċipaw fiż-żewġ sejħiet jew jekk iridu jipparteċipaw biss f'waħda minnhom. Hekk ukoll, l-operaturi ekomoniċi huma ħielsa li jidħlu fiż-żewġ sejħiet bl-istess prezz jew inkella bi prezzijiet differenti. Għalhekk il-Qorti mhux qed tifhem għaliex il-kompetizzjoni sejra tiġi mfixkla għaliex ħa jkun hemm it-tieni sejħa li sejra tkopri ż-żmien sakemm tiġi pproċessata l-ewwel sejħa.

Li kieku l-argument tal-soċjeta` appellanti dwar il-biżgħa tal-kxif tal-prezz huwa korrett, allura kull operatur ekonomiku li qiegħed fil-preżent ibiegħ xi mediċina lill-Gvern jista' jitlob illi qatt ma tinħareġ sejħa ġdida għaliex dejjem ħa jkun hemm tifxkil fil-kompetizzjoni minħabba li l-prezz tiegħu taħt il-kuntratt attwali huwa mikxuf u allura huwa qatt ma jista' jikkompeti mal-operaturi ekonomiċi oħra li jkunu jafu l-prezz tiegħu. Dan l-argument iżda huwa għalkollox ħażin.

Isegwi, li anka dan l-aggravju ma għandux mis-sewwa.

Bil-ħames aggravju tagħha, is-soċjeta` appellanti tgħid li l-Bord ma setax "isalva" it-tieni sejħa billi jagħmel tibdiliet fiha. Dan l-argument huwa ħażin. Il-Bord taħt ir-regolament 262, għandu kull setgħa bil-liġi li jagħmel dawk it-tibdiliet li jidhrulu meħtieġa biex sejħa tiġi msewwija u għaldaqstant sanata. Kemm hu hekk, taħt il-paragrafu (d) ta' dan ir regolament, il-Bord għandu s-setgħa li jsewwi żbalji jew li jneħħi ambigwitajiet ta' termini jew klawżoli partikolari mdaħħla f'sejħa għall-kompetizzjoni, fid-dokumenti tal-kuntratt, f'noti ta' kjarifika jew f'xi dokument ieħor li jirrigwarda l-proċedura dwar l-għoti ta' kuntratt. Wara kollox, dan kien wieħed mill-għanijiet tal-kumpannija appellanti meta hija ressqet it-talba tagħha fis-27 ta' Awwissu 2019, *viz*. li l-Bord jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fit-tieni sejħa għall-kwotazzjoniijiet biex din tkun waħda regolari li tħares id-dispożizzjonjiet tal-liġi.

Il-Bord kien għalkollox korrett li biddel l-isem tat-tieni sejħa sabiex ma jkunx hemm bżonn li t-tieni sejħa toqgħod terġa' tinħareġ mill-ġdid minħabba sempliċi żball ta' nomenklatura tas-sejħa. Kienet tkun tassew ħasra kbira li kieku l-Bord ma eżerċitax is-setgħat tiegħu taħt ir-regolament 262(d) biex isewwi l-iżball fl-isem tas-sejħa.

Bil-bdil tal-isem tas-sejħa ma nbidel xejn sostantiv mill-qafas tat-tieni

sejħa. Il-kumpannija appellanti bl-ebda mod ma ġiet ippreġudikata b'dan it-tibdil għaliex hija għadha biċ-ċans li tikkompeti f'din it-tieni sejħa u għal dak li jiswa jekk tixħet offerta li toqgħod mal-kondizzjonijiet tas-sejħa tista' tirbaħha wkoll.

Il-fatt imbagħad li l-Bord biddel iż-żmien operattiv tal-kuntratt minn wieħed ta' sena għal wieħed ta' sitt xhur li jista' jiġġedded għal sitt xhur oħra, ukoll ma jistax jitqies li biddel is-sustanza tat-tieni sejħa. Lanqas il-kumpannija appellanti ma tgħid sewwa meta tgħid li b'dan il-bdil sejra tiġi mfixkla l-kompetizzjoni għaliex ladarba t-tibdil ordnat mill-Bord sejjer isir qabel l-għeluq tas-sejħa, allura l-operaturi ekonomiċi interessati fis-sejħa ħa jkollhom l-opportunita` li jaħdmu u jixħtu l-offerta tagħhom skont is-sejħa kif emendata.

Għaldaqstant, anka dan l-aggravju mhux ġustifikat.

Jifdal biss is-sitt aggravju fejn is-soċjeta` appellanti qiegħda targumenta li s-sejħa hija invalida għaliex abbażi ta' din is-sejħa, it-tobba sejrin ikunu jistgħu jippreskrivu u jinqdew minn tip ta' mediċina waħda biss. Skont is-soċjeta` appellanti, billi l-mediċina msemmija fit-tieni sejħa mhijiex mediċina interkambjabbli, allura din ma tistax tiġi użata fuq pazjenti li fil-preżent qegħdin jagħmlu użu minn klassi ta' mediċina oħra, b'dana li dawk il-pazjenti jew jispiċċaw mingħajr mediċina jew inkella jiġu mġiegħla

biex jaqilbu l-mediċina b'inkonvenjenza għalihom.

Ibda biex, kif tajjeb imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha ***Il-Kamra Maltija Għan-Negozji ż-Zgħar u Medji v. Onorevoli Prim Ministru et***, mogħtija fis-27 ta' Lulju 2007,

> *"Huwa prinċipju aċċettat u mistenni li min jagħmel sejħa għall-offerti – kemm jekk ikun enti privata u kif ukoll jekk ikun enti pubblika jew statali – għandu kull jedd jagħżel x'irid. Mhux imħolli lil min jista' jressaq offerta f'tali sejħa li jagħżel jew jiddetta x'imissu jew x'ma jmissux jaċċetta dak jew dik / enti li lilu jew lilha ssir l-offerta (bħallikieku l-bejjiegħ jista' jiddetta lix-xerrej x'imissu jixtri u mhux x'għandu bżonn jixtri)"*

Ifisser dan li hija fid-diskrezzjoni tal-awtorita` kontraenti li tagħżel xi trid tixtri, b'dana li jekk l-awtorita` kontraenti jeħtiġielha illi tixtri mediċina waħda, ma tistax tiġi l-kumpannija appellanti u ġġiegħla tixtri bilfors aktar minn mediċina waħda.

Fil-każ tal-lum, is-CPSU kif jidher fl-ewwel paġna tat-tieni sejħa trid tixtri, *"Recombinant human monoclonal antibody that selectively binds to interleukin-17A, indicated for the treatment of moderate to severe plaque psoriasis,* as *well as psoriatic arthritis"*. Huwa se*ww*asew din it-tip ta' mediċina li tikkura dawn iż-żewġ kondizzjonijiet mediċi li s-CPSU għandha bżonn. Ma jidhirx għalhekk li huwa xieraq li l-kumpannija appellanti tiddeċiedi hi x'għandha bżonn tixtri s-CPSU;

F'kull każ, għalkemm huwa minnu li għall-għanijiet tat-tieni sejħa s-CPSU

trid tixtri klassi ta' mediċina waħda, madankollu dan ma jfissirx li l-awtoritajiet tas-saħħa ma jipprovdux mediċini alternattivi oħra kif donnha tissuġġerixxi s-soċjeta` appellanti. Kif tkompli l-istess tieni sejħa l-kura b'din il-mediċina *"has been approved through the exceptional route and the current cohort is of 11 patients. This cycle will cover a period of 12 months and is being issued for an estimate of 30 patient*s".

Lil hemm mill-fatt li l-mediċina li hija s-suġġett tat-tieni sejħa tħalli lill-offerenti ħielsa li jipproponu kwalunkwe mediċina li jridu li taġixxi bħala inibituri ta' interlewkina 17A, jibqa' l-fatt li l-awtoritajiet tas-saħħa mhumiex miżmuma milli jixtru mediċina differenti minn dik li eventwalment tintagħżel wara li tiġi aġġudikata s-sejħa. Dan l-aktar jekk jirriżulta li din il-mediċina ma tkunx taqbel ma' xi pazjent partikolari jew ikun hemm xi parir mediku minn xi konsulent li jgħid li dik il-mediċina ma tkunx tista' tintuża fuqu. F'każ bħal dan, jekk il-mediċina li tinxtara minn din is-sejħa ma taqbilx ma' xi pazjent, l-awtoritajiet tas-saħħa huma ħielsa li jqisu jekk huwiex il-każ li tinxtara mediċina oħra li taġixxi bħala inibitur tal-interlewkina 17A, bl-użu ta' rotta oħra ta' xiri straordinarja. Żgur pero` l-kumpannija appellanti ma tistax iġġiegħel lill-awtoritajiet tas-saħħa li bilfors jixtru minn qabel, aktar minn tip wieħed ta' mediċina li taġixxi bħala inibitur ta' interlewkina 17A, bħallilkieku hija għandha xi jedd li tiddeċiedi x'għandhom jixtru l-awtoritajiet tas-saħħa jew kemm għandhom jonqfu flus;

Mhux il-każ għalhekk li l-konsulent mediku sejjer ikun miżmum fl-għażla tal-mediċini li jista' jippreskrivi għall-pazjenti li jkunu fl-isptar, kif hekk ħażin tgħid is-soċjeta` appellanti f'dan l-aħħar aggravju tagħha. Tassew it-tieni sejħa hija r-rotta eċċezzjonali għal dawk il-ftit pazjenti li ġie maqbul li jeħtiġilhom jieħdu l-kura bl-inibituri tal-interlewkina 17A. Għalhekk fil-verita` hija s-soċjeta` appellanti, bit-talba tagħha li titħassar it-tieni sejħa, li trid tnaqqas l-għażliet tal-konsulent mediku taħt l-Artikolu 3 tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux is-CPSU li trid tixri din il-mediċina bħala rotta eċċezzjonali għal numru speċifikat ta' pazjenti li ġie approvat li għandhom bżonnha.

Dan l-aħħar aggravju għalhekk jistħoqqlu li jiġi miċħud ukoll;

Fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari li ressqet l-Awtorita` appellata, iċ-Central Procurement and Supplies Unit, dik ta' *res gudicata*, din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' peress li wieħed mill-elementi meħtieġ għall-validita` ta' din l-eċċezzjoni, *eadem personae*, ma tirriżultax. L-Awtorita` appellata tirreferi għall-każ numru 1360, u tissottometti li d-deċiżjoni f'dik il-kawża twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża bin-numru 1359. Fil-verita`, pero`, is-soċjeta` appellanti f'din il-kawża ma kinitx parti fil-proċeduri fil-każ 1360, u, għalhekk hu ċar li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tistax tintlaqa'. Il-fatt li s-soċjeta` V.J. Salomone Pharma Ltd. segwew b'interess il-

proċeduri fil-każ 1360, ma jagħmilhiex "parti" fil-każ b'mod li setgħet tkun marbuta bid-deċiżjoni. Lanqas il-fatt li l-kawżi 1359 u 1360 instemgħu u ġew deċiżi flimkien, ma jfissirx li l-partijiet f'każ kienu neċċessarjament partijiet fil-każ l-ieħor.

Fid-dawl tal-premess, hu ċar li d-diversi lanjanzi tas-soċjeta` appellanti ma jistgħux jintlaqgħu għax mhux validi u lanqas konformi mal-prinċipji li jirregolaw il-materja. Lanqas ma hu ppruvat jew muri b'mod sodisfaċenti li tnIżżel xi kriterju biex il-kuntratt jintrebaħ minn kumpanija waħda biss.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' V.J. Salomone Pharma Ltd. billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza li ta l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fis-17 ta' Ottubru, 2019.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjeta` rikorrenti appellanti V.J. Salomone Pharma Ltd..

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm